MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2003

Numru. 51/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**George Cini bin Michael u Rita nee Camilleri li joqghod "Arcadia", Triq Sir Paul Boffa, Victoria Ghawdex.**
**Karta ta' l-Identita Nru 2008425P**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli nhar id-19 ta' Dicembru 2002 ghall-habta ta' 11.30a.m. fi Triq Sir Paul Boffa Rabat, Ghawdex, (1) verbalment ingurja u/jew hedded lil Fr Emanuel Camilleri, (2) talli nhar it-3 ta' Jannar 2003 u/jew fil-granet ta' qabel din id-data

tefa’,waqqa’ jew iddepozita jew talli halla spare parts u zjut ta’ vetturi jaqghu jew jitpoggew fit-Triq Sir Paul Boffa, Rabat, Ghawdex, u ghalhekk f’post pubbliku jew il-pubbliku ghandu access ghalih minghajr hlas b’tali cirkustanzi li seta’ jikkawza jew igieghel li jithassar post fil-miftuh.

Il-Qorti hija gentilment mitluba illi f’kaz ta’ htija barra l-piena stabbilta mil-ligi tapplika l-artikolu 383 tal-Kap 9;

Semghet l-ammissjoni;

Fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati;

Rat l-artikoli 339(1) (e) tal-Kap 9 u l-artikoli 3 u 9 tal-Kap 206.

Tikkundannah ghall-hlas ta’ multa ta’ hamsin lira Maltin (Lm50).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------